Mill-President
Henry B. Eyring
L-Ewwel Kunsillier
fl-Ewwel Presidenza

Familja u Ħbieb Għal Dejjem

Ġejjin minn fejn ġejjin, żgur li lkoll kemm intkom għandkom xi ħbieb li qed ifittxu l-ferħ akbar li intom sibtu hekk kif bdejtu tgħixu l-evanġelju rrestawrat ta' Ġesù Kristu. Jista' jkun li huma ma jsibux kliem kif jistgħu jiddeskrivu dan il-ferħ, iżda żgur li jkunu jistgħu jagħrfuh meta jarawh f' ħajjitkom. Huma jkunu ħerqanin li jitgħallmu dwar is-sors ta' dak il-ferħ, speċjalment meta jaraw li intom ukoll, bħalhom, tħabbtu wiċċkom mal-isfidi tal-ħajja.

Intom ħassejtu dan il-ferħ hekk kif bdejtu żżommu l-kmandamenti ta' Alla. Dan huwa l-frott imwiegħed lilna meta aħna ngħixu l-evanġelju (ara Mosiah 2:41). Intom ma tobdux il-kmandamenti tal-Mulej b' fedeltà ħalli jkunu jistgħu jarawkom in-nies, iżda dawk li josservaw il-ferħ tagħkom ikunu qegħdin jitħejjew mill-Mulej sabiex jisimgħu l-kelma t-tajba tar-Restawrazzjoni tal-evanġelju.

Il-barkiet li ngħatajtu poġġew fuqkom ċerti obbligi kif ukoll ċerti opportunitajiet mill-isbaħ. Bħala dixxipli tal-patt ta' Ġesù Kristu, intom obbligati li testendu din l-opportunità li ngħatajtu lil ħaddieħor, sabiex huma wkoll isibu ferħ akbar, speċjalment lil ħbiebkom u l-membri tal-familja tagħkom.

Il-Mulej ra l-opportunità tagħkom u ddeskriva l-obbligu li huwa tagħkom permezz ta' dan il-kmandament: "Jeħtieġ li kull bniedem li ġie mwissi jwissi lil għajru" (D&C 88:81).

Il-Mulej jagħmilha aktar faċli li aħna nobdu dan il-kmandament permezz tal-bidla li sseħħ ġewwa qalbna hekk kif aħna naċċettaw u ngħixu l-evanġelju ta' Ġesù Kristu. B' riżultat ta' dan, l-imħabba tagħkom lejn ħaddieħor tikber, kif tikber ukoll ix-xewqa tagħhom li huma jgawdu mill-istess ferħ li tgawdu minnu intom.

Eżempju ta' din il-bidla hu kif intom lesti tilqgħu l-opportunità li tgħinu fil-ħidma missjunarja tal-Mulej. Il-missjunarji full-time malajr jagħrfu li dak l-ikkonvertit vera sa jkun lest biex jilqa' b' imħabba t-talba tagħhom li jirreferihom għal xi ħadd biex huma jgħallmu lilu. Dan l-ikkonvertit għandu fih ħerqa kbira sabiex sħabu u l-membri tal-familja tiegħu jaqsmu l-ferħ tiegħu miegħu.

Meta l-mexxej tal-missjoni tal-qasam tagħkom jew il-missjunarji jistaqsukom għal isem xi ħadd ħalli jkunu jistgħu jgħallmuh, dan għandkom teħduh bħala kumpliment. Huma jafu li l-ħbieb tagħkom raw fikom dan il-ferħ u, għalhekk, dawn il-ħbieb diġà jinsabu mħejjija sabiex jisimgħu u jagħżlu li jaċċettaw l-evanġelju. U huma jinsabu ċerti li intom sa tkunu l-ħbieb li huma sa jkollhom bżonn hekk kif jidħlu fis-saltna.

M' għandkomx toqogħdu tibżgħu li forsi tistgħu titilfu l-ħbieb jekk tistiednu l-missjunarji sabiex jiltaqgħu magħhom. Jien għandi ħbieb li ma laqgħux it-talba tal-missjunarji iżda xorta waħda rringrazzjawni tul is-snin talli jiena offrejtilhom xi ħaġa li kienu jafu kemm hi

prezzjuża għalija. Intom tistgħu tagħmlu ħbieb eterni billi toffrulhom l-evanġelju, li huma jagħrfu bħala dak li ġablek il-ferħ f' ħajtek. Qatt titilfu opportunità li tistiednu lil xi ħabib, u speċjalment lil xi membru tal-familja, biex jagħżel jekk iridx jimxi wara l-pjan tal-ferħ.

Imkien ma jagħtikom opportunità akbar li tagħmlu din l-istedina mit-tempji tal-Knisja. Hemmhekk il-Mulej jista' joffri l-ordinanzi tas-salvazzjoni lil dawk l-antenati tagħna li ma setgħux jirċevuhom f' din il-ħajja. Huma jħarsu lejkom mis-smewwiet b' imħabba u tama. Il-Mulej wiegħed li huma sa jingħataw l-opportunità li jidħlu fis-saltna Tiegħu (ara D&C 137:7–8), u f' qalbkom Huwa żera' l-imħabba tagħkom lejhom.

Ħafna minnkom żgur li ħassejtu l-ferħ f' qalbkom meta intom offrejtu l-ordinanzi tat-tempju għal ħaddieħor, l-istess ferħ li tesperjenzaw meta lill-missjunarji tagħtuhom ismijiet ta' nies ħalli jiltaqgħu magħhom. U m'hemmx dubju li intom ħassejtu saħansitra ferħ akbar meta wettaqtu l-ordinanzi għall-antenati tagħkom. Ġie żvelat lill-Profeta Joseph Smith li l-ferħ etern tagħna huwa possibbli biss jekk min-naħa tagħna aħna nagħmluha possibbli għall-antenati tagħna li huma wkoll jiksbu l-istess barkiet li ksibna aħna permezz tal-ordinanzi tat-tempju li jitwettqu f' isimhom (ara D&C 128:18).

Żmien il-Milied iressaq qlubna viċin is-Salvatur u lejn il-ferħ li jġibilna l-evanġelju Tiegħu. L-aħjar mod kif aħna nistgħu nuru l-gratitudni tagħna lejh hu meta aħna noffru dan il-ferħ lil ħaddieħor. Il-gratitudni tagħna tinbidel f' ferħ hekk kif aħna noffru xi ismijiet lill-missjunarji u hekk kif nippreżentaw l-ismijiet tal-antenati tagħna fit-tempju. L-evidenza tal-gratitudni tagħna tista' twassalna sabiex ikollna ħbieb u familji eterni.

TAGĦLIM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

Il-President Eyring spjega li aħna nistgħu nuru l-gratitudni tagħna lejn is-Salvatur billi naqsmu l-evanġelju mal-oħrajn. Intom tistgħu tiddiskutu ma' dawk li intom tgħallmu kif ħajjithom tbierket permezz tar-rigal tal-evanġelju. Ikkunsidraw li tistednuhom sabiex blgħajnuna tat-talb huma jidentifikaw lil dawk il-persuni li magħhom jixtiequ jaqsmu r-rigal tal-evanġelju u kif huma jistgħu jagħmlu dan.

TFAL

Aqsam it-Testimonjanza Tiegħek.

Dan il-Milied inti tista' taqsam ir-rigal tal-evanġelju billi tagħti kopja tal-Ktieb ta' Mormon lil xi ħabib jew ġar tiegħek bit-testimonjanza tiegħek miktuba ġewwa fih. Biex tagħmel dan agħmel dan li ġej:

1. Fuq biċċa karta, kejjel rettangolu ta' madwar 11-il ċm u nofs b'16-il ċm u nofs u itlob lil xi ħadd adult sabiex jgħinek tqasqsu.
2. Waħħal xi stampa tiegħek—tpinġija jew inkella ritratt—fuq in-naħa ta' fuq tal-paġna.
3. Ikteb it-testimonjanza tiegħek taħt l-istampa tiegħek.
4. Itlob lil xi ħadd adult sabiex jgħinek twaħħal din il-karta fuq il-qoxra ta' ġewwa tal-Ktieb ta' Mormon.

ŻGĦAŻAGĦ

Nista' Nagħti Kopja tal-Ktieb ta' Mormon lil Ħaddieħor?

Minn Josh Arnett

Matul l-ewwel sena tiegħi fis-sekondarja, l-għalliem tas-seminarju tiegħi stieden lill-istudenti tal-klassi tiegħi sabiex jagħtu kopja tal-Ktieb ta' Mormon lil sħabhom li mhux membri. Għalkemm jiena kont verament mistħi, ilqajt l-istedina.

Għalkemm domt ftit jiem mhux ħażin naħsibha sakemm finalment rabbejt il-kuraġġ, eventwalment tajt kopja tal-ktieb lil ħabibti Britny waqt il-brejk ta' nofsinhar u magħha qsamt fil-qosor it-testimonjanza tiegħi. Britny irringrazzjatni tal-ktieb.

F' għeluq is-sena skolastika, Britny marret tgħix xi mkien ieħor, iżda bqajna f' kuntatt. Qaltli dwar l-iskola l-ġdida tagħha u kif sħabha l-ġodda kienu kważi kollha membri tal-Knisja; però qatt ma kellmitni dwar ħwejjeġ spiritwali.

Kollox inbidel meta jiena ġejt biex nitlaq għall-missjoni tiegħi. Irċevejt messaġġ mingħand Britny fejn qaltli li kellha aħbar kbira għalija: hija kienet sa titgħammed, u riedet tirringrazzjani talli kont ħabib tagħha u tajtha eżempju tajjeb.

Alla għażel tifel mistħi ta' 15-il sena, bla ebda esperjenza missjunarja, u dderiġieh sabiex jaqsam l-evanġelju ma' xi ħadd li Hu kien jaf li lest jaċċettah. Jiena naf li jekk nisimgħu mill-Ispirtu, aħna lkoll nistgħu nsibu nies madwarna li qed jistennew sabiex jitgħallmu dwar l-evanġelju rrestawrat. Jiena naf li jekk ngħinu sabiex inressqu imqar persuna waħda lejn il-Mulej, "kemm sa jkun kbir il-ferħ tagħna magħha fis-saltna ta' Missierna!" (D&C 18:15).

L-awtur joqgħod Washington, l-Istati Uniti.

© 2013 by Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/13. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/13.
Traduzzjoni ta'*First Presidency Message, December 2013*. Maltese. 10672 159

Il-Missjoni Divina ta' Ġesù Kristu: L-Uniku Iben Imnissel

Fidi, Familja, Għajnuna

Bl-għajnuna tat-talb studja dan il-materjal u fittex sabiex tkun taf x' għandek taqsam ma' ħutek. L-għarfien tiegħek tal-ħajja u l-missjoni tas-Salvatur kif jistgħu jgħinuk tkabbar il-fidi tiegħek fih u tbierek lil dawk li int responsabbli minnhom permezz tat-tagħlim taż-żjajjar? Għal aktar informazzjoni, araw reliefsociety.lds.org.

Dan huwa parti minn serje ta' Messaġġi tal-Għalliema taż-Żjajjar li tittratta aspetti mill-missjoni tas-Salvatur.

Is-Salvatur tagħna, Ġesù Kristu jissejjaħ l-Iben Imnissel il-Waħdieni għax Huwa l-uniku bniedem fid-dinja li twieled minn mara mortali u Missier immortali. Huwa wiret il-qawwiet divini mingħand Alla, Missieru. Mingħand ommu, Marija, Huwa wiret il-mortalità u kien suġġett għall-ġuħ, l-għatx, l-għajja, l-uġigħ u l-mewt.[1]

Peress li Ġesù Kristu huwa l-Uniku Iben Imnissel mill-Missier, Huwa kien kapaċi jħalli ħajtu u jerġa' jeħodha lura. L-iskrittura tgħallem li "permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Kristu," aħna "niksbu l-qawmien mill-imwiet" (Jacob 4:11). Nitgħallmu wkoll li lkoll kemm aħna "nistgħu nerġgħu nqumu fl-immortalità għall-ħajja eterna" jekk aħna "nemmnu" (D&C 29:43).

Hekk kif naslu biex nagħrfu aħjar x' ifisser għal Ġesù li jkun l-Uniku Iben Imnissel tal-Missier, il-fidi tagħna fi Kristu tikber. Il-Presbiteru D. Todd Christofferson tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu qal, "Il-fidi f' Ġesù Kristu hija l-konvinzjoni u l-assigurazzjoni tal- (1) Istatus Tiegħu bħala l-Uniku Iben Imnissel ta' Alla, (2) Att tal-Fidwa infinit Tiegħu, u (3) Qawmien mill-Imwiet Tiegħu b' mod letterali."[2] Profeti ta' żmienna taw ix-xhieda tagħhom: "[Ġesù Kristu] kien . . . l-Uniku Iben Imnissel fil-Ġisem, il-Feddej tad-dinja."[3]

Mill-Iskrittura

Ġwanni 3:16; Doctrine and Covenants 20:21–24; Moses 5:6–9

Mill-Istorja Tagħna

Fit-Testment il-Ġdid naqraw dwar nisa, uħud nafu isimhom u oħrajn le, li eżerċitaw il-fidi tagħhom f' Ġesù Kristu, li tgħallmu u għexu t-tagħlim Tiegħu u li taw xhieda tal-ministeru, tal-mirakli u l-majestà Tiegħu. Dawn in-nisa saru dixxipli eżemplari u xhieda importanti fil-ħidma tas-salvazzjoni.

Per eżempju, Marta qasmet it-testimonjanza qawwija tagħha dwar id-divinità tas-Salvatur meta qalet, "Jiena nemmen li inti l-Kristu, Iben Alla li kellu jiġi fid-dinja" (Ġwanni 11:27).

Tnejn mill-ewwel xhieda tad-divinità tas-Salvatur kienu ommu Marija u l-kuġina tagħha Eliżabetta. Ftit wara li l-anġlu Gabrijel żar lil Marija, hija marret iżżur lil Eliżabetta. Hekk kif Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, hija "mtliet bl-Ispirtu s-Santu" (Luqa 1:41) u qasmet it-testimonjanza tagħha li Marija kienet sa ssir omm l-Iben ta' Alla.

NOTI

1. Ara *Gospel Principles* (2009), 52–53.
2. D. Todd Christofferson, "Building Faith in Christ," *Liahona,* Sett. 2012, 13.
3. "Kristu l-Ħaj: It-Testimonjanza tal-Appostli," *Liahona,* Apr. 2000, 2–3.

X' Nista' Nagħmel?

1. Għaliex huwa importanti għalija li nifhem id-diversi rwoli ta' Ġesù Kristu?

2. Kif tista' tikber il-fidi taøna hekk kif aœna nÿommu l-patti li øamilna?

© 2013 by Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/13. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/13.
Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, December 2013*. Maltese. 10672 159